2025/1902

26.9.2025

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: https://unece.org/status-1958-agreement-and-annexed-regulations

Ir-Regolament tan-NU Nru 39 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispidometru u l-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu [2025/1902]

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:
Serje ta' emendi 02 – Data tad-dħul fis-seħħ: is-26 ta' Settembru 2025

Dan id-dokument sar bil-ħsieb li jintuża purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni. It-test awtentiku u legalment vinkolanti huwa: ECE/TRANS/WP.29/2025/18/Rev.1

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp tal-Applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-Approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet
6. Modifikazzjonijiet tat-Tip ta' Vettura
7. Konformità tal-Produzzjoni
8. Penali għan-Nuqqas ta' Konformità tal-Produzzjoni
9. Ismijiet u Indirizzi tas-Servizzi Tekniċi Responsabbli mit-Twettiq tat-Testijiet tal-Approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip
10. Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali

ANNESSI

1 Komunikazzjoni
2 Arranġamenti tal-Marki tal-Approvazzjoni
3 Test ta' Akkuratezza tal-Ispidometru għall-Konformità tal-Produzzjoni
4 Test ta' Akkuratezza tat-Tagħmir tal-Odometru
5 Dokument ta' Informazzjoni

1. Kamp tal-Applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji L, M u N [1]

2. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

2.1. "*Approvazzjoni ta' vettura*" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispidometru u l-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu.

[1] Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. **7**, il-paragrafu 2. - https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions.

2.2. "*Tip ta' vettura fir-rigward tal-ispidometru u l-odometru tagħha*" tfisser vetturi li bejniethom ma juru ebda differenza essenzjali, fejn dawk id-differenzi jistgħu japplikaw, b'mod partikolari, għal dawn li ġejjin:

2.2.1. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajers magħżula mill-varjetà ta' tajers iffittjati normalment;

2.2.2. Il-proporzjon ta' trażmissjoni globali, inkluż kull apparat għat-tnaqqis tal-proporzjonijiet tat-trażmissjoni lejn l-ispidometru u l-odometru;

2.2.3. It-tip ta' spidometru kif ikkaratterizzat minn:

2.2.3.1. It-tolleranzi tal-mekkaniżmu ta' kejl tal-ispidometru;

2.2.3.2. Il-kostant tekniku tal-ispidometru;

2.2.3.3. Il-firxa ta' veloċitajiet murija.

2.2.4. It-tip ta' odometru kif ikkaratterizzat minn dan li ġej:

2.2.4.1. Il-kostant tekniku tal-odometru;

2.2.4.2. L-għadd ta' numerali.

2.3. "*Tajers iffittjati normalment*" tfisser it-tip jew tipi ta' tajer ipprovduti mill-manifattur fuq it-tip ta' vettura kkonċernat; tajers tal-borra ma jitqisux bħala tajers iffittjati normalment;

2.4. "*Pressjoni ta' użu normali*" tfisser il-pressjoni ta' inflazzjoni kiesħa speċifikata mill-manifattur tal-vettura miżjuda b'200 hPa;

2.5. "*Spidometru*" tfisser dik il-parti tat-tagħmir tal-ispidometru li tindika l-veloċità tal-vettura lis-sewwieq fi kwalunkwe mument partikolari;

2.5.1. "*Tolleranzi tal-mekkaniżmu ta' kejl tal-ispidometru*" tfisser l-akkuratezza tal-istrument tal-ispidometru proprju, espressa bħala l-limiti massimi u minimi tal-indikazzjoni tal-veloċità għal firxa ta' inputs tal-veloċità;

2.5.2. "*Kostant tekniku tal-ispidometru*" tfisser ir-relazzjoni bejn id-dawriet jew l-impulsi tal-input kull minuta u veloċità speċifikata murija;

2.6. "*Odometru*" tfisser il-parti tat-tagħmir li tindika lis-sewwieq id-distanza totali misjuqa mill-vettura.

2.6.1. "*Kostant tekniku tal-odometru*" tfisser ir-relazzjoni bejn id-dawriet jew l-impulsi tal-input u d-distanza misjuqa mill-vettura.

2.6.2. "*Distanza totali indikata*" tfisser id-distanza kif murija mill-odometru.

2.6.3. "*Distanza vera vvjaġġata*" tfisser id-distanza vera misjuqa mill-vettura għall-fini tat-test skont l-Anness 4.

2.6.4. "*Valur totali tad-distanza*" tfisser il-valuri tal-kilometraġġ bl-għan li jsiru disponibbli u relatati mad-distanza totali misjuqa mill-vettura.

2.6.5. "*Takografu jew Tagħmir ta' reġistrazzjoni*" tfisser it-tagħmir maħsub għall-installazzjoni f'vetturi tat-triq biex juri, jirreġistra, jistampa, jaħżen u joħroġ data relatata mal-moviment ta' tali vetturi. Id-data rreġistrata tinkludi d-distanza effettiva vvjaġġata, id-data tal-kalibrazzjoni tal-vettura u r-reġistru tal-eventi u l-ħsarat.

It-takografu jikkonsisti minn unità ta' vettura u sensur tal-moviment.

L-unità ta' vettura tikkomunika mas-sensur tal-moviment b'mod sigur.

2.6.5.1. "*Unità ta' vettura*" tfisser it-takografu minbarra s-sensur tal-moviment u l-kejbils li jikkonnettjaw is-sensur tal-moviment.

2.6.5.2. "*Sensur tal-moviment*" tfisser parti mit-takografu li tipprovdi sinjal rappreżentattiv tal-veloċità tal-vettura u/jew id-distanza vvjaġġata.

2.6.6. "*Unità ta' Sostituzzjoni tat-Takografu (TRU, Tachograph Replacement Unit)*" tfisser apparat li jissimula l-funzjonijiet ta' takografu jew tagħmir ta' reġistrazzjoni li huma meħtieġa biex joperaw għal vetturi li mhumiex meħtieġa li jkunu mgħammra b'takografu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2.6.7. "*Odometru purament mekkaniku*" tfisser tagħmir tal-odometru li fih il-kostant tekniku tal-odometru jiġi deċiż b'kombinazzjonijiet ta' gerijiet tal-input u tal-output fit-trażmissjoni mekkanikament, u ma tiġi applikata l-ebda korrezzjoni elettrika.

2.7. "*Vettura mingħajr tagħbija*" tfisser il-vettura fi stat ta' tħaddim, mimlija bil-fjuwil, fluwidu berried, lubrikant, għodod u stepni (jekk ipprovduti bħala tagħmir standard mill-manifattur tal-vettura), li ġġorr sewwieq li jiżen 75 kg, iżda mingħajr passiġġiera, aċċessorji mhux obbligatorji jew tagħbija.

2.8. "*Tbagħbis*" tfisser kwalunkwe attività mmirata lejn ir-reġistrazzjoni inakkurata jew ir-rappreżentazzjoni ħażina tal-valuri tal-kilometraġġ li jkunu qed jinħażnu u/jew jintwerew.

3. Applikazzjoni għall-Approvazzjoni

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispidometru u tal-odometru, inkluża l-installazzjoni tiegħu għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant debitament akkreditat tal-manifattur tal-vettura lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tal-Parti Kontraenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskeda 3 tal-Ftehim tal-1958.

3.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin (fl-Anness 5 jingħata mudell tad-dokument ta' informazzjoni):

3.2.1. Deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-punti msemmija fil-paragrafi 2.2., 2.3., 2.4., 2.5. u 2.6. t'aktar 'il fuq; it-tip ta' vettura għandu jiġi speċifikat.

3.3. Il-vettura mingħajr tagħbija li tirrappreżenta t-tip ta' vettura li jrid jiġi approvat għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni.

3.4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex jiġu żgurati kontrolli effettivi dwar il-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata approvazzjoni tat-tip.

4. Approvazzjoni

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament fejn għandu x'jaqsam it-tagħmir tal-ispidometru u tal-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu, għandu jingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat f'konformità mal-Iskeda 4 tal-Ftehim (E/ECE/TRANS/505/Rev.3).

4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew tar-rifjut jew tal-estensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni jew tal-waqfa definittiva tal-produzzjoni ta' tip ta' vettura, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkomunikati lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola konformi mal-mudell li jidher fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u ta' dijagrammi tal-installazzjoni, fornuti mill-applikant għall-approvazzjoni.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament għandha titwaħħal, b'mod li jkun jidher u f'post faċilment aċċessibbli, kif speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, marka internazzjonali ta' approvazzjoni li tikkonsisti f'dan li ġej:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru distintiv tal-pajjiż li ta l-approvazzjoni; ([2])

4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit bl-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq in-naħa tal-lemin taċ-ċirku deskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tkun konformi ma' tip ta' vettura approvat, skont Regolament ieħor jew Regolamenti oħra annessi ma' dan il-Ftehim fil-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu msemmi fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn jiġi repetut; f'każ bħal dan, in-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun leġġibbli b'mod ċar u indelibbli.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib tal-pjanċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur jew fuqha.

4.8. L-Anness 2 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.

5. Speċifikazzjonijiet

5.1. Spidometru u odometru ta' abbord li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ffittjati fuq il-vettura biex ikunu approvati. Jekk fuq il-vettura jkun hemm iffittjati aktar minn spidometru jew odometru ta' abbord wieħed, dawn l-ispidometri u l-odometri kollha għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament. Gradazzjonijiet u valuri numeriċi addizzjonali mhumiex permessi.

It-takografi jew it-tagħmir tar-reġistrazzjoni, jew l-Unitajiet ta' Sostituzzjoni tat-Takografu ma jitqisux bħala spidometru jew odometru ta' abbord għall-fini ta' dan il-paragrafu.

5.2. Spidometru

L-iskrin tal-ispidometru għandu jkun pożizzjonat fil-kamp viżiv dirett tas-sewwieq u għandu jkun jista' jinqara b'mod ċar kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl. Il-firxa ta' veloċitajiet murija għandha tkun wiesgħa biżżejjed biex tinkludi l-veloċità massima ta' dan it-tip ta' vettura kif iddikjarat mill-manifattur.

5.2.1. Fil-każ ta' spidometri maħsuba għal vetturi tal-kategoriji M, N, u L_3, L_4, L_5, u L_7, il-gradazzjoni għandha tkun 1, 2, 5 jew 10 km/h. Il-valuri numeriċi tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-iskrin kif ġej: meta l-ogħla valur fuq l-iskrin ma jaqbiżx 200 km/h, il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma jaqbżux 20 km/h. Meta l-valur massimu fuq l-iskrin jaqbeż 200 km/h, imbagħad il-valuri tal-veloċità għandhom ikunu indikati f'intervalli li ma jaqbżux 30 km/h. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi.

([2]) In-numri distintivi tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 jidhru għal darba oħra fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 7, Anness 3 — https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions.

Jekk l-issettjar jippermetti lis-sewwieq li jagħżel bejn il-veloċità f'km/h u f'mph (mili fis-siegħa), il-veloċità tista' tintwera biss jew f'km/h jew f'mph fi kwalunkwe ħin partikolari. L-unità korrispondenti għandha tintwera b'mod permanenti.

5.2.2. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M, N, u L_3, L_4, L_5, u L_7 manifatturati biex jinbiegħu f'kull pajjiż fejn jintużaw unitajiet imperjali, l-ispidometru għandu jkun ukoll immarkat f'mili fis-siegħa (mph); il-gradazzjonijiet għandhom ikunu ta' 1, 2, 5 jew 10 mph.

Il-veloċità tista' tintwera jew f'km/h jew f'mph fi kwalunkwe ħin partikolari sakemm is-setting jippermetti lis-sewwieq jagħżel bejn il-veloċità f'km/h u f'mph, f'dak il-każ l-unità korrispondenti għandha tintwera b'mod permanenti.

Il-valuri numeriċi tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-iskrin f'intervalli li ma jaqbżux 20 mph u li jibdew minn 10 jew 20 mph. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi.

5.2.3. Fil-każ ta' spidometri maħsuba għal vetturi tal-kategoriji L1 (mopeds), L_2, u L_6, il-valuri fuq l-iskrin ma għandhomx jaqbżu t-80 km/h. Il-gradazzjoni għandha tkun 1, 2, 5 jew 10 km/h u l-valuri numeriċi mmarkati tal-veloċità indikata ma għandhomx jaqbżu l-10 km/h. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi.

5.2.4. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji L_1, L_2 u L_6 manifatturati biex jinbiegħu f'kull pajjiż fejn jintużaw unitajiet imperjali, l-ispidometru għandu jkun ukoll immarkat f'mph; il-gradazzjoni għandha tkun ta' 1, 2, 5 jew 10 mph. Il-valuri numeriċi tal-veloċità għandhom ikunu indikati fuq l-iskrin f'intervalli li ma jaqbżux l-10 mph u li jibdew minn 10 jew 20 mph. L-intervalli tal-valuri numeriċi tal-veloċità indikati ma għandhomx bżonn ikunu uniformi. Jekk l-issettjar jippermetti lis-sewwieq biex jagħżel bejn km/h u mph, il-veloċità tista' tintwera biss jew f'km/h jew f'mph fi kwalunkwe ħin partikolari. L-unità korrispondenti għandha tintwera b'mod permanenti.

5.3. L-akkuratezza tat-tagħmir tal-ispidometru għandha tiġi ttestjata skont il-proċedura li ġejja:

5.3.1. It-tajers għandhom ikunu wieħed mit-tipi ffittjati normalment mal-vettura kif definit fil-paragrafu 2.3. ta' dan ir-Regolament. Għandu jitwettaq test għal kull tip ta' spidometru maħsub biex jiġi ffittjat fuq il-vettura mill-manifattur.

5.3.2. It-test għandu jitwettaq bil-vettura fil-piż tagħha mingħajr tagħbija. Jista' jinġarr piż addizzjonali għall-finijiet ta' kejl. Il-piż tal-vettura u d-distribuzzjoni tiegħu bejn il-fusijiet għandhom ikunu indikati fil-komunikazzjoni tal-approvazzjoni (ara l-Anness 1, il-punt 7.);

5.3.3. It-temperatura ta' referenza fl-ispidometru għandha tkun ta' 23 ± 5 °C, jekk rilevanti għat-test għad-diskrezzjoni tas-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-test;

5.3.4. Matul kull test il-pressjoni tat-tajers għandha tkun il-pressjoni ta' użu normali kif definita fil-paragrafu 2.4.;

5.3.5. Il-vettura hi ttestjata fil-veloċitajiet li ġejjin:

Il-veloċità massima tad-disinn (Vmax) tal-vettura speċifikata mill-manifattur tal-vettura (km/h)	Veloċità tat-test (V_1) (km/h)
Vmax ≤ 45	80 % tal-Vmax
45 < Vmax ≤ 100	40 km/h u 80 % Vmax (jekk il-veloċità li tirriżulta tkun ≥ 55 km/h)
100 < Vmax ≤ 150	40 km/h, 80 km/h u 80 % Vmax (jekk il-veloċità li tirriżulta tkun ≥ 100 km/h)
150 < Vmax	40 km/h, 80 km/h u 120 km/h

5.3.6. L-istrumentazzjoni tat-test użata għall-kejl tal-veloċità reali tal-vettura għandha tkun akkurata sa ± 0.5 fil-mija;

5.3.6.1. Is-superfiċe tal-korsija tat-testjar meta tintuża għandu jkun ċatt u niexef, u jipprovdi aderenza suffiċjenti;

5.3.6.2. Jekk jintuża dinamometru bir-romblu għat-test, id-dijametru tar-romblu għandu jkun mill-inqas 0,4 m;

5.4. Il-veloċità indikata ma għandhiex tkun inqas mill-veloċità reali tal-vettura. Bil-veloċitajiet tat-test speċifikati fil-paragrafu 5.3.5. hawn fuq, għandu jkun hemm ir-relazzjoni li ġejja bejn il-veloċità murija (V_1) u l-veloċità reali (V_2).

$$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0.1\ V_2 + 4\ \text{km/h}$$

5.5. Tagħmir tal-Odometru

L-iskrin tal-odometru għandu jkun viżibbli jew aċċessibbli għas-sewwieq. L-odometru għandu juri mill-inqas numru sħiħ kompost minn minimu ta' 6 numerali għall-vetturi ta' kategoriji M u N, u mill-inqas numru sħiħ kompost minn minimu ta' 5 numerali għall-vetturi ta' kategorija L. Madanakollu, l-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip jistgħu jaċċettaw ukoll numru sħiħ kompost minn mill-inqas 5 numerali għall-vetturi ta' kategoriji M u N jekk l-użu intenzjonat tal-vettura jiġġustifikah.

5.5.1. Fil-każ ta' vetturi manifatturati biex jinbiegħu f'kull pajjiż fejn jintużaw unitajiet imperjali, l-odometru għandu jkun immarkat f'mili.

5.5.2. L-odometru għandu juri d-distanza fl-unità li tikkorrispondi għal dik tal-iskala predominanti tal-ispidometru. Jekk l-issettjar jagħmilha possibbli għas-sewwieq li jagħżel id-distanza tal-wiri tal-odometru f'km jew mili indipendentement mill-ispidometru, l-odometru għandu jidentifika l-unità użata.

5.6. Tagħmir tal-Odometru — Akkuratezza

Il-paragrafi 5.7. sa 5.9. u 5.11. sa 5.12. ma japplikawx għal vetturi ffittjati b'odometri purament mekkaniċi.

Il-paragrafi 5.9. u 5.11. sa 5.12. ma japplikawx għall-vetturi tal-kategorija L.

Għal vetturi mgħammra b'takografu jew tagħmir ta' reġistrazzjoni, jew fejn unità ta' sostituzzjoni tat-takografu tkun l-uniku sors ta' kejl tal-kilometraġġ, ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.7. sa 5.9. u tal-paragrafu 5.12. jitqiesu li ġew issodisfati, jekk is-sigurtà u l-akkuratezza tat-takografu jkunu mill-inqas ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tan-NU.

5.7. L-akkuratezza tat-tagħmir tal-odometru għandha tiġi ttestjata f'konformità mal-proċedura preskritta fl-Anness 4.

5.8. Id-distanza totali indikata ma għandhiex tiddevja b'aktar minn ± 4.0 fil-mija mid-distanza vera vvjaġġata kif determinat fil-paragrafu 5.7.

5.9. Meta l-valuri tad-distanza totali jiġu pprovduti mill-port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat tal-kollegament tad-data, kif hemm speċifikat fil-paragrafu 6.5.3 tal-Appendiċi 1 tal-Anness C5 tar-Regolament tan-NU Nru 154 jew kif speċifikat fil-paragrafu 4.7.3. tal-Anness 9B tar-Regolament tan-NU Nru 49, dawn il-valuri ma għandhomx jiddevjaw mid-distanza totali (ittondjata) indikata. Madankollu, din ma japplikax għad-distanza totali vvjaġġata (tul il-ħajja tal-vettura) kif definit fir-Regolament tan-NU Nru 154.

5.10. Odometru — Ġenerali

Il-valuri tad-distanza totali u d-distanza totali indikata għandhom jkollhom riżoluzzjoni aħjar minn jew ugwali għal 1 km jew 1 mil, kif xieraq.

5.11. Fil-każ ta' falliment li jista' jiġi identifikat bl-elettriku li jipprevjeni milli jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-odometru ta' dan ir-Regolament tan-NU, għandha tiġi pprovduta indikazzjoni ta' malfunzjonament lis-sewwieq, jekk ma tkunx diġà koperta minn twissijiet ta' fallimenti oħra u/jew kundizzjonijiet oħra ta' falliment.

5.11.1. L-indikazzjoni ta' malfunzjonament għandha tkun attiva meta jseħħ il-malfunzjonament u għandha tibqa' attiva sakemm il-malfunzjonament jippersisti. Tista' tiġi kkanċellata b'mod temporanju, iżda għandha tiġi ripetuta kull meta jiġi attivat is-swiċċ tal-ignixin jew is-swiċċ ta' kontroll prinċipali tal-vettura.

5.11.2. Fil-ħin tal-approvazzjoni tat-tip, il-mezzi tal-indikazzjoni tal-malfunzjonament magħżula mill-manifattur għandhom jiġu deskritti fil-qosor b'mod kunfidenzjali.

5.12. Odometru — Ġestjoni ta' Kontra t-Tbagħbis u tas-Sigurtà

Id-distanza totali indikata u l-valuri tad-distanza totali għandhom jiġu protetti kontra l-manipulazzjoni.

Dan għandu jitqies li jkun hemm konformità miegħu meta:

(a) is-sistema ta' ġestjoni tal-manifattur li tinkludi ċ-ċibersigurtà qed tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament tan-NU Nru 155, mas-serje ta' emendi oriġinali jew ma' kwalunkwe serje ta' emendi sussegwenti, fir-rigward tad-distanza totali indikata u l-valuri tad-distanza totali

kif ukoll

(b) jiġu implimentati mitigazzjonijiet proporzjonati, inkluża l-mitigazzjoni 7, jew ekwivalenti għaliha, imsemmija fl-Anness 5, il-Parti B, it-Tabella B5 tar-Regolament tan-NU Nru 155.

6. Modifikazzjonijiet tat-Tip ta' Vettura

6.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità mbagħad tista' jew:

6.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula mhux probabbli li jkollhom effett negattiv apprezzabbli u li jkun xi jkun il-każ, il-vettura xorta baqgħet tissodisfa r-rekwiżiti; jew

6.1.2. Tirrikjedi rapport tat-test ieħor mingħand is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

6.2. L-avviż ta' konferma jew rifjut tal-approvazzjoni, flimkien mad-dettalji tal-modifikazzjonijiet, għandhom jiġi kkomunikati permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3. ta' hawn fuq lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7. Konformità tal-Produzzjoni

7.1. Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, l-Iskeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), u ma' dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

7.2. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti tal-parti(jiet) rilevanti ta' dan ir-Regolament.

7.3. Għal kull tip ta' vettura jsiru kontrolli suffiċjenti rigward it-tagħmir tal-ispidometru u l-installazzjoni tiegħu; b'mod partikolari, tal-anqas għandhom isiru t-testijiet preskritti fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament għal kull tip ta' vettura.

7.4. L-Awtorità, li tat l-approvazzjoni tat-tip, tista', fi kwalunkwe waqt, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun darba kull sentejn.

7.5. Fejn jinstabu riżultati mhux sodisfaċenti matul il-verifiki u l-kontrolli skont il-paragrafu 7.4. hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex terġa' tinkiseb il-konformità tal-produzzjoni malajr kemm jista' jkun.

8. Penali għan-Nuqqas ta' Konformità tal-Produzzjoni

8.1. L-approvazzjoni mogħtija għal tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 7.1 ta' hawn fuq ma jiġix issodisfat jew jekk il-vetturi jkunu naqsu milli jgħaddu mill-kontrolli preskritti fil-paragrafu 7 ta' hawn fuq.

8.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat fl-imgħoddi, din għandha tinnotifika b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

9. Ismijiet u Indirizzi tas-Servizzi Tekniċi Responsabbli mit-Twettiq tat-Testijiet tal-Approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li taw l-approvazzjoni, u għand min għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

10. Dispożizzjonijiet Tranżizzjonali

10.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 01, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 01.

10.2. Mill-1 ta' Settembru 2017, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet tat-tip ġodda biss jekk it-tip ta' vettura li jrid jiġi approvat ikun jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 01.

10.3. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx jiċħdu li jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjonijiet tat-tip għal tipi eżistenti li jkunu ngħataw skont is-serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament.

10.4. Mid-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 01 ta' dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettaw it-tip u l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija skont is-serje ta' emendi preċedenti għar-Regolament.

10.5. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 02, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 02.

10.6. Mill-1 ta' Settembru 2028, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip għal kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti, li jkunu nħarġu għall-ewwel darba wara l-1 ta' Settembru 2028.

10.7. Sal-1 ta' Settembru 2030, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont is-serje ta' emendi 01, maħruġa għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Settembru 2028.

10.8. Mill-1 ta' Settembru 2030, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip maħruġa għal kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament tan-NU.

10.9. L-indikazzjoni ta' malfunzjonament kif hemm speċifikat fil-paragrafu 5.11. mhijiex obbligatorja għall-fini tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għas-serje ta' emendi 02, sal-1 ta' Settembru 2030. Dawn l-eżenzjonijiet għandhom jibqgħu applikabbli fil-każ ta' estensjonijiet tal-approvazzjonijiet li ngħataw għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Settembru 2030."

10.10. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU jistgħu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip skont kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament tan-NU."

10.11. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament tan-NU għandhom ikomplu jagħtu estensjonijiet għall-approvazzjonijiet eżistenti għal kwalunkwe serje ta' emendi preċedenti ta' dan ir-Regolament tan-NU."

ANNESS 1

Komunikazzjoni

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



Maħruġa minn: Isem tal-amministrazzjoni:

……

……

Rigward: (2) Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rrifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tat-tagħmir tal-ispidometru u tal-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu skont ir-Regolament Nru 39.

Nru tal-approvazzjoni ……Nru tal-estensjoni ……

1. Isem jew marka kummerċjali tal-vettura: ……

2. Tip ta' vettura: ……

3. Isem u indirizz tal-manifattur: ……

……

4. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: ……

……

5. Deskrizzjoni tat-tagħmir tal-ispidometru: ……

5.1. Proporzjon tat-tagħmir tal-ispidometru: ……

6. Deskrizzjoni tat-tagħmir tal-odometru: ……

6.1. Proporzjon tat-tagħmir tal-odometru: ……

6.2. Odometru purament mekkaniku: iva/le

6.3. Indikazzjoni ta' malfunzjonament (skont il-paragrafu 5.11.): iva/le

7. Tajers:

7.1. Dettalji ta' tajers iffittjati normalment fuqu: ……

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta, estenda, irrifjuta, irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Ingassa dak li ma japplikax.

7.2. Dettalji ta' tajers iffittjati fuqu matul it-test: .....

8. Massa tal-vettura kif ittestjata u d-distribuzzjoni tagħha bejn il-fusijiet:

.....

9. Varjanti: .....

10. Vettura ppreżentata għall-approvazzjoni nhar: .....

11. Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni: .....

.....

12. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....

13. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-Servizz: .....

14. Approvazzjoni mogħtija/rifjutata/estiża/irtirata [2]

15. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura: .....

16. Post: .....

17. Data: .....


18. Firma: .....

ANNESS 2

Arranġamenti tal-Marki tal-Approvazzjoni

Mudell A

(ara l-paragrafu 4.4. ta' dan ir-Regolament)




a = minimu ta' 8 mm.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E 4), skont ir-Regolament Nru 39. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 39 li jinkorpora s-serje ta' emendi 02.

Mudell B

(ara l-paragrafu 4.5. ta' dan ir-Regolament)



a = minimu ta' 8 mm.

Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E 4) skont ir-Regolamenti Nru 39 u Nru 33. [1] In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament tan-NU Nru 39 kien jinkorpora s-serje ta' emendi 02 u r-Regolament tan-NU Nru 33 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

[1] It-tieni numru jingħata sempliċement bħala eżempju.

ANNESS 3

Test ta' Akkuratezza tal-Ispidometru għall-Konformità tal-Produzzjoni

1. Kundizzjonijiet tat-test

Il-kundizzjonijiet tat-test għandhom ikunu kif stipulati fil-paragrafi 5.3.1. sa 5.3.6. ta' dan ir-Regolament.

2. Rekwiżiti

Il-produzzjoni għandha titqies li tikkonforma ma' dan ir-Regolament jekk ir-relazzjoni li ġejja bejn il-veloċità indikata fuq l-iskrin tal-ispidometru (V_1) u l-veloċità reali (V_2) tkun osservata:

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M u N:

$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0.1\ V_2 + 6$ km/h;

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji L_3, L_4 u L_5:

$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0.1\ V_2 + 8$ km/h;

Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji L_1 u L_2:

$0 \leq (V_1 - V_2) \leq 0.1\ V_2 + 4$ km/h.

ANNESS 4

Test ta' Akkuratezza tat-Tagħmir tal-Odometru

0. L-akkuratezza tat-tagħmir tal-odometru msemmi fil-paragrafu 5.7. ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ddeterminata f'konformità ma' dan l-Anness. Fil-każ ta' odometri li jużaw kemm unitajiet metriċi kif ukoll imperjali, it-test jista' jitwettaq bl-użu ta' unitajiet metriċi jew imperjali, bi qbil mas-Servizz Tekniku.

Bi qbil mas-Servizz Tekniku u l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip, jistgħu jintużaw proċeduri alternattivi tat-test biex tiġi ddeterminata l-akkuratezza tat-tagħmir tal-odometru, dment li minn tal-inqas dawn jiżguraw l-istess livell ta' preċiżjoni tat-test.

1. Proċedura tat-Test

1.1. L-akkuratezza tat-tagħmir tal-odometru għandha tiġi ttestjata skont il-proċedura li ġejja:

1.1.1. It-tajers għandhom ikunu wieħed mit-tipi ffittjati normalment mal-vettura kif definit fil-paragrafu 2.3. ta' dan ir-Regolament.

1.1.2. It-test għandu jitwettaq bil-vettura fil-piż tagħha mingħajr tagħbija. Jista' jinġarr piż addizzjonali għall-finijiet ta' kejl. Il-piż tal-vettura u tqassim tiegħu bejn il-fusijiet għandhom ikunu indikati fil-komunikazzjoni tal-approvazzjoni (ara l-Anness 1, il-punt 8.).

1.1.3. It-temperatura ta' referenza fl-odometru għandha tkun ta' 23 ± 5 °C, jekk rilevanti għat-test għad-diskrezzjoni tas-Servizz Tekniku responsabbli għat-twettiq tat-test.

1.1.4. Matul kull test il-pressjoni tat-tajers għandha tkun il-pressjoni ta' użu normali kif definita fil-paragrafu 2.4.

1.1.5. L-istrumentazzjoni tat-test użata għall-kejl tad-distanza vera vvjaġġata tal-vettura għandha tkun preċiża sa ± 0,5 fil-mija.

1.1.5.1. Is-superfiċe tal-korsija tat-testjar meta tintuża għandu jkun ċatt u niexef, u jipprovdi aderenza suffiċjenti.

1.1.5.2. Jekk jintuża dinamometru bir-romblu għat-test, id-dijametru tar-romblu għandu jkun mill-inqas 0,4 m.

1.1.6. Il-vettura hi ttestjata f'veloċità li tvarja bejn 0 u 100 km/h. Il-veloċità tat-test (veloċità jew medda fissa) tintgħażel bi ftehim mas-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-test, abbażi tal-karatteristiċi tal-vettura u tal-adegwatezza tat-triq skont il-kundizzjonijiet mogħtija (il-forma tal-korsija tat-testjar, traffiku ieħor fil-korsija, il-kurvi, etc.).

1.1.7. Il-vettura tinstaq sakemm l-odometru jaqleb lejn in-numru sħiħ li jmiss. F'dan il-mument, l-istrumentazzjoni hija ssettjata għal 0 m. Dan jista' jsir f'pożizzjoni stazzjonarja.

1.1.8. Il-vettura tinstaq għal minimu ta' 10 kilometru jew 7 mili kif indikat fuq l-odometru u l-valur veru jinqara mill-istrumentazzjoni fil-punt fejn l-odometru jaqleb lejn in-numru sħiħ korrispondenti.

2.0. Riżultati tat-test

2.1. L-akkuratezza għandha tiġi kkalkulata kif ġej għall-vetturi li jużaw km:

$$\text{Akkuratezza (fil-mija)} = \frac{(\text{TDi} - \text{TDi0}) * 1{,}000 - \text{TDt}}{\text{TDt}} * 100$$

fejn:

TDt: distanza vera vvjaġġata (m)

TDi0: id-distanza totali indikata fil-bidu tat-test (km), skont il-paragrafu 1.1.7.

TDi: id-distanza totali indikata fi tmiem it-test (km).

Għall-vetturi li jużaw unitajiet imperjali, il-formula tiġi aġġustata kif xieraq.

Eżempju:

— swiċċijiet tal-odometru minn 3 529 km sa 3 530 km; l-istrumentazzjoni hija ssettjata għal 0 m.

— swiċċijiet tal-odometru minn 3 539 km sa 3 540 km; l-istrumentazzjoni taqra 10 260 m.

— $\text{Akkuratezza (fil-mija)} = \frac{(3{,}540 - 3{,}530) * 1{,}000 - 10{,}260}{10{,}260} * 100$

$= -2{,}5$ fil-mija

ANNESS 5

Dokument ta' Informazzjoni

0. Punti ġenerali

0.1. Marka (isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura:

0.3.1. Post ta' dik il-markatura:

0.4. Kategorija tal-vettura:

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur:

0.8. Indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ:

1. Karatteristiċi tal-Kostruzzjoni Ġenerali tal-Vettura

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva

2. Mases u Dimensjonijiet (f'kg u f'mm)

2.6. Massa ta' vettura fi stat ta' tħaddim (massima u minima għal kull varjant):

2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa bejn il-fusien u, fil-każ ta' semi-trejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija fuq il-punt tal-akkoppjament (massima u minima):

4. Trażmissjoni

4.2. Tip (mekkanika, idrawlika, elettrika, eċċ.): [1]

4.5. Gearbox [2]

4.5.3. Metodu ta' kontroll:

4.6. Proporzjonijiet tal-gerijiet [2]

Ger	*Il-proporzjonijiet interna tal-gearbox (il-proporzjonijiet ta' rivoluzzjonijiet tal-magna għar-rivoluzzjonijiet tax-xaft tal-output tal-gearbox)*	*Il-proporzjon(ijiet) tat-trażmissjoni finali (il-proporzjon ta' rivoluzzjonijiet tax-xaft tal-output tal-gearbox għar-rivoluzzjonijiet tar-rota misjuqa)*	*Proporzjonijiet tal-gerijiet totali*
Massimu għal CVT (*)			
1			
2			
3			
…			
Minimu għal CVT* Reverse			

(*) Trażmissjoni kontinwament varjabbli.

[1] Ipprovdi biss jekk rilevanti għat-tagħmir tal-ispidometru u/jew tal-odometru.

4.7. Veloċità massima tal-vettura (km/h):

4.8. Spidometru u odometru

Spidometru:

4.8.1. Metodu tat-tħaddim u deskrizzjoni tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni:

4.8.2. Kostant tal-istrument:

4.8.3. Tolleranza tal-mekkaniżmu tal-kejl (skont il-paragrafu 2.2.3.):

4.8.4. Proporzjon tat-trażmissjoni globali (skont il-paragrafu 2.2.2.) jew data ekwivalenti:

4.8.5. Dijagramma tal-iskala tal-ispidometru jew forom oħra ta' display:

Odometru:

4.8.6. Il-kostant tekniku tal-odometru (skont il-paragrafu 2.2.4.):

4.8.7. L-għadd ta' numerali:

4.8.8. Odometru purament mekkaniku (skont il-paragrafu 2.6.7.): iva/le

4.9. Deskrizzjoni tat-Takografu jew tat-Tagħmir tar-reġistrazzjoni (skont il-paragrafu 2.6.5.) jew tal-Unità ta' Sostituzzjoni tat-Takografu (skont il-paragrafu 2.6.6.) (jekk iffitjati):

6. Sospensjoni

6.6 Tajers u Roti

6.6.2. Limiti massimi u minimi tar-raġġi tad-dawrien

6.6.2.1. fus 1:

6.6.2.2. fus 2:

6.6.2.3. fus 3:

6.6.2.4. fus 4:

eċċ.

6.6.3. Pressjonijiet tat-tajers kif rakkomandati mill-manifattur tal-vettura (f'kPa):